L-Imnara No. 16

# TISLIMA LIL EMANUEL FARRUGIA (1934 - 1991)

Angelo Dougall

Emanuel Farrugia miet f'qasir il-għomor fit-23 ta' Ġunju, 1991, wara marda qasira. Dan l-artist nistgħu inqisuh ukoll bħala artist li kellu x'jaqsam mal-folklor marittimu Malti.



Manwel twieled fil-Kalkar a fl-1934, u trabba fl-ambjent marittimu tad-daħla ċkejkna u pittoreska, u x-xatt ta' dak is-subborg. bi storja twila marbuta mal-baħar. Kien għalliem fl-ornament tal-ġebla fl-iskola teknika ta' Tarġa Gap fil-Mosta Baqa' għaseb u dedikat b'imħabba kbira għall-ornament u skultura fil-ġebla Maltija. Kien ukoll magħruf bħala artist ta' xogħolijiet ta' *collage* u ta' l-akkwarell. Wara mewtu saret f'ġieħu, wirja ta' xogħolijiet tiegħu fil-mużew ta' l-arti.

Mil-lat tal-folklor Malti, Manwel kien inaqqax u jiddisinnja lavur u tpinġijiet ornamentali folkloristiċi, u tberfil fuq qxur tal-baħar. Kien jinkoraġġixxi ħafna li jsir tberfil folkloristiku fuq opri tal-baħar, bħal fuq bardnelli, ċappi, geriti, emblemi tal-pruwa, għajnejn, numri fuq plakki u skultura folkloristika oħra li normalment isiru fuq dgħajjes. Kienet l-ħena tiegħu jitħaddet fuq l-ornamenti li jinsabu fuq luzzijiet, kajikki, dgħajes tal-pass, frejgatini u qxur oħra tal-baħar. Kien jagħmel dawn l-ornamenti bla ħlas, basta jkun jaf li dawn id-drawwiet ma jmutux. Kien jilmenta li din l-arti marittima qegħda tinqata' u tmut bil-mod il-mod, u tkun tassew ħasra jekk ma jinqalgħux żagħżagħ dilettanti li jidħlu għal dan it-tip ta' xogħol fuq l-opri tagħna tal-baħar.

Fil-passat, fil-Kalkara kien hemm nies magħrufin għas-sena ta' tberfil u ornamenti marittimi u folkloristiċi. Manwel Farrugia ta il-kontribut siewi tiegħu f'dan il-qasam ta' folklor marittimu. Waqt li nsellmulu u nitolbu għal ruħu, nittamaw li kif kienet ix-xewqa tiegħu, dawn id-drawwiet ma jispiċċawx, u li żagħżagħ jieħdu nteress f'din is-sengħa u arti ta' folklor marittimu.

---

Nota: Ir-ritratt meħud minn *leaflet* "Tribute to Emanuel Farrugia" maħruġ f'Ġunju 1992 mill Fine Arts Museum, Valletta.